**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Mejju, 2016**

**Talba Nru: 576/15 DMA**

**Mobisle Communication Ltd (C 24655)**
**u b'digriet tat-Tribunal tal-5 ta' Frar, 2016 is-Socjeta' Go p.l.c giet awtorizzata tassumi l-Atti tal-kawza minflok is-Socjeta' Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Denis Xuereb**
**(ID. 197261M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Lulju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tlettax-il ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€313.24) liema ammont huwa in konnesjsoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 50199284 u A/C 50900443 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati:

- Dok IZY1 u Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C 50199284 u
- Dok IZY3 - Dok IZY4 - prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C 50900443 u
- Dok IZY5 - estratt mir-Registru Elettorali;
- Dok IZY6 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenuta debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Charmaine Wiffer ghas-socjeta' attrici li fis-26 ta' Mejju, 2016 ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' tlett mija u tlettax-il ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€313.24) bl-imghax mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**